# IL-KTIEB TAT-TAĦRIĠ TAL-MALTI

*Susan Grixti*

## Introduzzjoni

Il-Malti hu l-lingwa nattiva tagħna, lingwa sabiħa u sinjura ħafna. Minkejja dan bosta studenti kienu u għadhom jaqtgħu qalbhom mis-suġġett, mhux għax il-Malti tqil, iżda għax it-tagħlim offrut hu staġnat wisq (bħala eżempju ta' dan ara Micallef 1995). It-tagħlim tal-Malti għadu marbut ħafna mat-tagħlim bl-amment ta' regoli grammatikali u t-tniżżil ta' noti u eżerċizzji fil-pitazzi. Igerrex lil studenti batuti filwaqt li jħalli maqfula l-kreattività li hemm mistura kemm f'dawn l-istudenti kif ukoll f'oħrajn.

*** Dan l-artiklu hu bbażat fuq it-teżi ta' l-istess awtriċi "Analiżi tal-kotba tat-taħriġ tal-Malti li jistgħu jintużaw fil-primarja" (1997) li saret taħt it-tmexxija ta' Dr. Antoinette Camilleri.**

Hemm numru ta' raġunijiet għalfejn it-tagħlim tal-Malti għadu daqstant magħluq. Waħda mir-raġunijiet naħseb hi li l-ktieb tat-taħriġ tal-Malti li fuqu baqgħu jistrieħu l-għalliema tul iż-żminijiet, aktar iva milli le, baqa' jirrifletti l-istil antikwat ta' kontenut grammatikali offrut mill-ewwel kotba tat-taħriġ tal-lingwa ppubblikati madwar is-sena 1824 għall-użu fl-iskejjel primarji. Dak iż-żmien kien maħsub li jekk l-istudenti ma jitgħallmux il-grammatika qatt ma kien ser ikollhom kontroll tajjeb tal-lingwa. Illum hawn biżżejjed xhieda li turi li kelliema nattivi jipproduċu Malti tajjeb bla ma jitgħallmu l-grammatika kif din tiġi mgħallma ta' spiss fil-klassijiet. L-istudenti nattivi jidħlu l-iskola primarja mogħnija diġà b' bagalja lingwistika mimlija mhux ħażin.

Għalhekk it-tip ta' ktieb tat-taħriġ tal-Malti li għandhom bżonn irid jippreżentalhom materjal, kemm ta' qari kif ukoll ta' kitba, li jgħin fl-iżvilupp tal-kompetenza tal-lingwa nattiva ta' l-istudenti. Il-kontenut irid iwassal lill-istudenti sabiex jitilqu mill-istudju bl-amment ta' regoli lingwistiċi li diġà japplikaw inkonxjament u jilħqu l-istat ta' riflessjoni konxja dwar il-lingwa li jużaw fil-komunità. Il-kontenut tal-ktieb tat-taħriġ tal-Malti ma jridx iwessa' biss it-tagħrif lingwistiku ta' l-istudenti iżda jrid jieħu ħsieb li jagħti aktar valur lill-istess studenti waqt li jkattar l-aspetti kreattivi barra dawk intellettwali li hemm fit-tfal.



*SUSAN GRIXTI B. Ed. (bl-Unuri), għadha kemm iggradwat fil-kors imniedi mill-Fakulà ta' l-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta. Għalliema fl-iskola primarja tal-Qrendi. Għandha għal qalbha l-mod li bih jiġi ppreżentat it-tagħlim fil-klassijiet.*

L-istess ktieb tat-taħriġ irid ikun organizzat b'tali mod li joffri l-aħjar gwida għall-għalliema sabiex dawn ikunu jistgħu jlaħħqu mal-ħtiġijiet ta' kull individwu involut fil-proċess tat-tagħlim, ħtiġijiet li aktar joktru issa li t-tagħlim qed jingħata perspettiva dejjem iżjed moderna. Illum il-ġurnata tinħass il-ħtieġa ta' ktieb tat-taħriġ tal-Malti li joħloq atmosfera ta' tagħlim fejn l-istudenti jieħdu gost fil-lezzjoni għax din tolqot l-interessi tagħhom u tinvolvihom filwaqt li jsiru sidien tat-tagħrif li jiksbu huma stess. Fl-istess ħin l-għalliema għandhom ikunu offruti linji kif jistgħu jużaw il-ktieb tat-taħriġ biex isiru gwidi aktar milli trasmettituri tal-fatti, u b'hekk ikunu kapaċi jistimolaw lill-istudenti jfittxu aktar li jitgħallmu.

Waħedha tiġi l-mistoqsija jekk il-ktieb tat-taħriġ tal-Malti użat preżentement fil-klassi primarja hux it-tip ta' ktieb ta' taħriġ tant meħtieġ. Kemm-il darba jinstema' t-tgergir mill-għalliema dwar xi ktieb tat-taħriġ partikolari. Ta' spiss tinstema' ukoll ir-riżoluzzjoni ta' xi għalliema żgħażagħ li jwarrbu għal kollox il-ktieb tat-taħriġ u jistrieħu biss fuq l-inventiva tagħhom. Wara ftit taż-żmien malajr jiġu bejn ħaltejn x'materjal ġdid jaqbdu jippreżentaw lill-istudenti.

Dan kollu aktarx jiġri minħabba li ftit huma dawk l-għalliema li huma konxji tal-valur li għandu l-ktieb tat-taħriġ u x'jistgħu jagħmlu biex jisfruttaw aħjar il-kontenut ta' ġo fih. Mhux tort tagħhom jekk kultant ma jiġġudikawx tajjeb wisq ktieb tat-taħriġ, inkella jibqgħu jużaw ktieb tat-taħriġ inadattat. S'issa ma kien hawn l-ebda għodda li permezz tagħha kull min hu interessat fl-edukazzjoni tat-tfal seta' janalizza l-effettività tal-materjal edukattiv ippreżentat lit-tfal fil-klassi. It-teżi li minnha hu meħud dan l-artiklu tipprova timla dan in-nuqqas.

## Il-valur tal-ktieb tat-taħriġ tal-Malti

Kull xogħol għandu l-għodda tiegħu: s'issa l-kotba huma l-għodda prinċipali ta' l-għalliem. Dawn jiġu f'kull għamla, daqs u mimlija b'diversi tipi ta' kontenut; jipprovdu l-materjal li l-għalliema jieħdu minnu sabiex jorganizzaw ix-xogħol fil-klassijiet tagħhom; u kapaċi joffru kors ta' studju għal kwalunkwe tifel u tifla fil-klassi fuq kull suġġett li hawn taħt il-kappa tax-xemx. Dan qaluh żmien ilu Kamm u Taylor (1966:9),

> Aids to teaching, the humble blackboard, television, flannelgraphs, teaching machines and tape recorders, cannot be used without books to supplement and confirm the truths that are presented.

U reġa' sostnih Allwright (1981) li qal li l-ktieb tat-taħriġ ma jista' jkollu l-ebda sostitut fil-klassi minħabba l-vantaġġi li joffri kemm lill-għalliema kif ukoll lill-istudenti.

Ktieb tat-taħriġ xieraq jikkonsisti f'materjal interessanti u li jolqot l-għajn. Minn taqsima għall-oħra kapaċi jipprovdi skema gradata ta' elementi lingwistiċi li juru x'għandu jiġi mgħallem kif ukoll jagħti taqsira ta' x'sar qabel sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jirrevedu punti grammatikali u funzjonali tal-lingwa u jaraw x'verament fehmu u fejn għandhom bżonn jaħdmu iżjed. L-istess ktieb jista' jippreżenta lill-istudenti ammont sistematiku ta' vokabularju ġdid u jagħtihom l-opportunità li jistħarrġuh barra l-ħitan tal-klassi. Barra minn

hekk jagħti nifs lill-għalliema minħabba li ma jibqgħux ikollhom ifittxu jew jippjanaw materjal oriġinali l-ħin kollu huma.

Min-naħa l-oħra l-ktieb tat-taħriġ jista' jkollu influwenza negattiva fuq it-tagħlim minħabba d-diversi raġunijiet msemmija minn O'Neill (1982). Dan l-awtur isostni li ktieb tat-taħriġ jista' joffri kontenut li jikkonċentra biss fuq l-introduzzjoni ta' elementi lingwistiċi ġodda mkejla minn ammont ta' eżerċizzji kkontrollati. Għalliema li jistrieħu fuq dawn it-tip ta' kotba tat-taħriġ maż-żmien jitilfu l-interess li jipprovdu lill-istudenti eżempji ta' lingwa misluta mill-komunità lingwistika tagħhom. L-istess ktieb ġeneralment isegwi tifsila monotona ta' preżentazzjoni lingwistika li ma tantx tvarja minn taqsima għall-oħra. Forsi l-għalliema u l-istudenti jkunu jistgħu jużawh faċilment hekk, iżda din ir-rutina li ssir sekwenza riġida twassal biss biex it-tfal, imxebba' sal-ponta ta' mneħirhom mit-tagħlim xott offrut, inkella morda bin-ngħas ta' l-apatija li jaqgħu fih, jibdew iqisu lill-ktieb bħala piż żejjed li jridu jġorru ta' kuljum fil-baskett ta' l-iskola.

Mill-banda l-oħra, ir-rutina offruta minn dan it-tip ta' ktieb tat-taħriġ tagħti lit-tfal sens ta' sigurtà: jafu eżatt fejn huma u għandhom iċ-ċertezza li jekk jaħdmu t-taħriġ mogħti tajjeb, kapaċi jaħdmu l-istess taħriġ ippreżentat fil-karta ta' l-eżami. Għal dawn l-istudenti l-ktieb tat-taħriġ isir, "not just the provider of a syllabus but also as a programme of study and activities that has to be closely followed" (Harmer, 1991:442).

Ġeneralment il-kotba tat-taħriġ tal-primarja kollha jintroduċu l-ewwel komponenti ġodda tal-lingwa, imbagħad jagħtu eżerċizzji li jikkumbinaw it-tagħlim il-ġdid ma' dak li diġà jafu t-tfal. Il-ħiliet tat-taħdit u s-smigħ huma mogħtija post tant limitat li jsiru ineżistenti hekk kif l-eżerċizzji tal-ktieb jiġu eżawriti.

**"It-tagħlim tal-Malti għadu marbut ħafna ma' tagħlim li jgerrex lil studenti batuti filwaqt li jħalli maqfula l-kreattività li hemm mistura fihom"**

Dejjem jekk ikunu mħollija, għalliema li mhux sodisfatti bil-ktieb tat-taħriġ impost fuqhom għall-użu fil-klassi, jistgħu jfittxu qalb in-numru ta' kotba tat-taħriġ li jiġu ppubblikati minn żmien għal żmien. L-iskop ta' dawn il-pubblikazzjonijiet hu li jintużaw mit-tfal li jattendu l-iskejjel primarji d-dar bħala reviżjoni ta' dak li jseħħ fil-klassi inkella fil-klassi stess bħala rinforz tal-kontenut li jinstab fil-ktieb tat-taħriġ propju, kultant bid-differenza ta' xi innovazzjoni 'l hemm u 'l hawn. Din l-opportunità li għandhom l-għalliema sabiex jippruvaw isibu dejjem il-ktieb tat-taħriġ li joffri l-aħjar vantaġġi lill-istudenti tagħhom hi mogħtija importanza minn Kamm u Taylor (1966:10) li mhux biss jiddeskrivuha bħala:

> a privilege which should be jealously guarded. Without it a teacher can use only those books which are prescribed, and is therefore forced to follow a course of study devised by the others for him to use.

Iżda jispjegaw il-konsegwenzi li jista' jkollha t-tneħħija ta' l-għażla kif jidher ċar mill-kumplament ta' l-istess kwotazzjoni:

> An imaginative approach is curbed. Original experiments are either frozen or isolated from the main stream of work in the school.

Hawn numru kunsiderevoli ta' kotba tat-taħriġ tal-Malti għall-użu fil-klassi primarja, kif tixhed riċerka li saret minn Borg u Camilleri (ed. 1994). L-għalliema jridu joqogħdu b'seba' għajnejn huma u jagħżlu l-ktieb tat-taħriġ tagħhom għax mal-kotba tajbin hawn anke dawk li mhumiex adattati. Ftit huma l-awturi li huma wkoll edukaturi li jinteressaw irwieħhom fit-tibdil kontinwu li jseħħ fil-qasam edukattiv sabiex il-materjal li jippubblikaw bħala għajnuna għall-għalliema jimxi pari passu ma' dan. Awturi oħra kapaċi jieħdu biss is-sillabu bħala gwida għat-tifsil tal-kontenut tal-kotba. Minħabba li dan jiffoka l-iżjed fuq elementi grammatikali, dawn l-awturi jispiċċaw biex ikomplu jipproduċu taħriġ grammatikali fuq iehor. Xi whud, illimitati mill-ispiża involuta fil-produzzjoni ta' kotba tat-taħriġ verament stimulanti għat-tfal, jaqgħu fuq il-produzzjoni ta' kotba li ta' min iwarrabhom. Għalhekk tkun idea tajba jekk, waqt il-proċess tal-produzzjoni u f'ħin il-għażla, jintużaw il-kriterji magħżula minn Christoforou (1994) bħala gwida. Dan jagħti ħames punti differenti iżda ewlenin li għandhom jitqiesu li huma l-istudent, il-kurrikulu u s-sillabu tal-lingwa mitgħallma, il-metodoloġija, il-kontenut lingwistiku u l-kontenut edukattiv fl-evalwazzjoni tal-ktieb tat-taħriġ użat. Dawn il-punti huma żviluppati f'tip ta' formula li faċilment tista' tintuża minn kull għalliem sabiex tiġi deċiża l-validità tal-ktieb tat-taħriġ analizzat u l-ammont ta' utilità li jista' jkollu għall-użu fil-klassi primarja.

## Il-formula ta' l-analiżi

Din li ġejja hija l-formula ta' l-analiżi tal-ktieb tat-taħriġ tal-Malti li jista' jintuża fil-klassijiet ta' l-iskejjel primarji.

| | |
|---|---|
| **1. Informazzjoni dwar il-ktieb tat-taħriġ** | |
| a. Titlu tal-ktieb tat-taħriġ: ______________ | |
| b. Awtur: ______________ | |
| c. Data tal-pubblikazzjoni: ______________ | |
| d. Numru ta' paġni: ______________ | |
| e. Is-sena skolastika maħruġ għaliha : ______________ | |
| *Nota:* Fit-taqsimiet li ġejjin immarka 1 għal **mhux relevanti**, 2 għal **ftit**, 3 għal **moderat**, 4 għal **livell mistenni** jew 5 għal **użu estensiv**. | |
| **2. L-istudent** | |
| a. Il-kontenut hu xieraq għall-eta` u l-kapaċita` intellettwali ta' l-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| b. Il-kontenut joffri taħriġ tematiku li jistrieħ fuq l-interessi ta' l-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| c. Il-kontenut jirrifletti l-kultura Maltija ta' l-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| d. Il-kontenut joffri l-opportunita` lill-istudent juri x'diġa` jaf. | 1 2 3 4 5 |
| e. L-istudent għandu l-opportunita` jkun parteċipant attiv fil-proċess tat-tagħlim. | 1 2 3 4 5 |
| **Kummenti dwar din it-taqsima:** | |
| ______________ | |
| ______________ | |
| ______________ | |
| ______________ | |
| ______________ | |
| ______________ | |

*Tab. 1*

*Tab. 2*

| | |
|---|---|
| **3. Il-kurrikulum u s-sillabu** | |
| a. Il-kontenut jaqbel ma' l-għanijiet tal-kurrikulum. | 1 2 3 4 5 |
| b. Il-kontenut jirrifletti t-twassil ta' l-oqsma lingwistiċi kif mitluba u mqassma fis-sillabu. | 1 2 3 4 5 |
| **Kummenti dwar din it-taqsima:** | |
| **4. Il-metodoloġija** | |
| a. Tingħata introduzzjoni addattata għall-kontenut u l-iskopijiet li jridu jintlaħqu bil-ħidma tat-taħriġ. | 1 2 3 4 5 |
| b. L-għan/ijiet ta' kull taħriġ huma speċifikati. | 1 2 3 4 5 |
| c. Huma mogħtija kummenti li jservu bħala gwida lill-għalliem dwar kif għandu jiġi applikat it-taħriġ waqt il-lezzjoni. | 1 2 3 4 5 |
| d. Jintuża materjal awtentiku. | 1 2 3 4 5 |
| e. Hemm varjeta` fl-istil ta' l-attivitajiet. | 1 2 3 4 5 |
| f. It-tul ta' l-attivitajiet ippreżentati ma jxekkilx l-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| g. Il-kumplessita` strutturali ta' l-attivitajiet hi addattata għall-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| h. Tingħata l-opportunita` biex l-istudent jaħdem f'pari u fi gruppi. | 1 2 3 4 5 |
| i. L-istudent għandu ċans jaħdem waħdu biex jagħraf il-livell tiegħu. | 1 2 3 4 5 |

*Tab. 3*

| | |
|---|---|
| j. L-għalliem għandu ċ-ċans jagħraf fejn hemm bżonn ta' għajnuna individwali jew ripetizzjoni ta' ħidma dwar xi aspett lingwistiku. | 1 2 3 4 5 |
| **Kummenti dwar din it-taqsima:** | |
| **5. Il-kontenut lingwistiku** | |
| a. L-użu frekwenti ta' taħriġ jiffoka fuq il-funzjonijiet tal-lingwa mpoġġija f' sitwazzjonijiet komunikattivi. | 1 2 3 4 5 |
| b. Il-funzjonijiet tal-lingwa huma gradati skond it-toqol tagħhom. | 1 2 3 4 5 |
| c. Jingħata taħriġ li jsaħħaħ il-ħila tas-smigħ. | 1 2 3 4 5 |
| d. Jingħata materjal supplimentari (eżempju *cassettes*). | 1 2 3 4 5 |
| e. Jingħata taħriġ li jħajjar il-produzzjoni tal-lingwa spontanja mill-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| f. Jingħata taħriġ li jsaħħaħ il-ħiliet differenti tal-qari. | 1 2 3 4 5 |
| g. Jingħata varjeta` ta' qari. | 1 2 3 4 5 |
| h. Jingħata taħriġ li jsaħħaħ il-ħiliet differenti tal-kitba. | 1 2 3 4 5 |
| i. Jingħata taħriġ li jsawwar ġeneri differenti ta' kitba. | 1 2 3 4 5 |
| j. Jingħata taħriġ li jintegra l-erba' ħiliet tal-lingwa flimkien. | 1 2 3 4 5 |

*Tab. 4*

| | |
|---|---|
| k. It-tagħlim tal-grammatika hu marbut ma' kuntest lingwistiku kif użat fil-komunita` ta' l-istudent. | 1 2 3 4 5 |
| l. It-taħriġ grammatikali jagħti ċans lill-istudent iħaddem rasu. | 1 2 3 4 5 |
| m. Il-kwantita` ta' strutturi ppreżentata hi addattata. | 1 2 3 4 5 |
| n. L-istrutturi lingwistiċi huma gradati skond il-kumplessita` tagħhom. | 1 2 3 4 5 |
| o. Tingħata l-opportunita` ta' ripetizzjoni u reviżjoni ta' strutturi f'taqsimiet differenti tal-ktieb. | 1 2 3 4 5 |
| p. Noti grammatikali huma mogħtija għall-użu ta' l-għalliem. | 1 2 3 4 5 |
| q. Il-vokabularju hu ppreżentat f'kuntest. | 1 2 3 4 5 |
| r. L-ammont ta' vokabularju ppreżentat hu addattat. | 1 2 3 4 5 |
| s. Il-vokabularju mogħti jirrappreżenta t-tibdil teknoloġiku u soċjali u l-iżvilupp tal-lingwa. | 1 2 3 4 5 |
| t. L-introduzzjoni ta' vokabularju ġdid hi gradata skond it-toqol tiegħu. | 1 2 3 4 5 |
| u. Tingħata l-opportunita` ta' ripetizzjoni u reviżjoni ta' vokabularju f'taqsimiet differenti tal-ktieb. | 1 2 3 4 5 |
| **Kummenti dwar din it-taqsima:** | |

*Tab. 5*

| | |
|---|---|
| **6. Il-kontenut edukattiv** | |
| a. Il-kontenut joffri taħriġ li jista' jinħadem minn kull student fi klassi fejn hemm studenti b'abbiltajiet lingwistiċi differenti. | 1 2 3 4 5 |
| b. Il-kontenut ikattar ir-rispett lejn it-tipi differenti ta' abbiltajiet. | 1 2 3 4 5 |
| c. Il-kontenut joffri opportunitajiet lil kull student jagħraf min hu bħala ċittadin Malti kif ukoll ċittadin tad-dinja. | 1 2 3 4 5 |
| **Kummenti dwar din it-taqsima:** | |

# Konklużjoni

Il-ħolqien ta' din il-formula ġej mill-fatt li l-għalliema kellhom bżonn xi ħaġa f'idejhom li tgħinhom jagħżlu dejjem l-aħjar materjal edukattiv li jwassal għall-iżvilupp sħiħ ta' l-istudenti fil-klassijiet tagħhom. Minkejja li l-għan prinċipali ta' din il-formula hu li sservi bħala gwida għall-għalliema kollha fl-għażla u fl-evalwazzjoni tal-ktieb tat-taħriġ tal-Malti, din l-istess formula tista' tintuża wkoll mill-awturi prospettivi kollha tal-kotba tat-taħriġ tal-Malti. Dawn jistgħu jieħdu idea mill- formula ta' x'inhuma dawk il-fatturi li għandhom jieħdu in kunsiderazzjoni u jinkludu fil-waqt tal-produzzjoni tal-kontenut tal-ktieb tat-taħriġ. B'hekk nispera li jasal iż-żmien meta l-istudenti jingħataw materjal li jgħinhom ikattru t-tagħlim tagħhom, materjal li jinkludi fih dak kollu li jkun verament jixirqilhom.

## Referenzi


Allwright, R. (1981). What do we need teaching materials for? *ELT Journal* 36/ 1.

Borg, A., u Camilleri, A. (ed.) (1994). *Biblijografija tal-ktieb Malti għat-tfal.* L-Istitut tal-Lingwistika: Università ta' Malta.

Christoforou, M. (1994). Factors Influencing Textbook Selection. *Workshop 16:* Kunsill ta' l-Ewropa.

Harmer, J. (1991). "Planning" f' *The Practice of English Language Teaching.* Londra: Longman.

Kamm, A., u Taylor, B. (1966). "Books Today" f' *Books and the Teacher.* Londra: University of London Press.

O'Neill, R. (1982). Why use textbooks? *ELT Journal* 36/2.

Micallef, A. (1995). *Grammatika pedagogika tal-Malti forma ta' sillabu spirall: studju sinkroniku tal-verb.* Dissertazzjoni fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, Università ta' Malta.